MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1398/2003

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Antonia Attard Gialanze**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Lulju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltija u seba' centezmi (Lm855.07) kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma, li jammonta ghal mija u erbgha u sittin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm164.17), u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku, li jammonta ghall-sitt mija u disghin lira Maltita u disghin centezmu (Lm690.90), fil-fondi Antonia, Triq is-Salini, M'Scala u 145, Triq l-Oratorju,**

**Bormla, ghall-perijodu 3 ta’ Settembru, 1996 sat-8 ta’ Lulju, 2003, skond il-kontijiet numri 767248240 u 690839400 u d-dokumenti esebiti (WSC1 u WSC2);**
**Bl-ispejjez, inkluzi hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) spejjez ta’ l-ittra legali ta’ l-14 ta’ Jannar, 2003, u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta.**

**Semgha x-xhieda ta’ Dr Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltija u seba’ centezmi (Lm855.07) bl-imghax legali mill-14 ta’ Jannar, 2003.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) spejjez ta’ l-ittra legali ta’ l-14 ta’ Jannar, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------